## Jum il-Kalkara

L-attivitajiet tal-10 ta' Diċembru, jibdew isiru hekk:

a. Filgħodu Quddiesa għal-istudenti tal-iskola Primarja.
b. Kif tintemm il-Quddiesa l-istudenti jinżlu x-Xatt, tiġi mtella' il-Bandiera tal-Kalkara u jitkanta l-Innu tal-Kalkara u mhux l-Innu Malti. (Jekk it-temp jippermetti)
c. L-istudenti kollha jżuru postijiet storiċi, fil-Kalkara.
d. Fis-sezzjoni li ssir wara nofs in-nhar ma' l-istudenti ta' l-iskola Primarja, jiġu mistiedna dawk l-istudenti li jkunu temmew l-iskola Primarja, fl-aħħar sena skolastika.
e. L-attivita' ta' filgħaxija ma ssirx, pero' it-tqassim taċ-ċertifikati tal-korsijiet isiru matul is-sena. Eż: Meta jintemm kors ikun liema jkun, fl-aħħar tas-sezzjoni, l-istudenti jiġu msejjħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jiġu mqassma ċ-ċertifikati ta' parteċipazzjoni u jsir riċeviment żgħir. Jattendu dan ir-riċeviment: L-għalliem / a tal-kors, l-istudenti, il-Kunsillier responsabbli minn dak il-kors u Sindku.
f. Rigward il-Gradwati, terġa tinġib il-lista tal-Gradwati mill-Universita' bħal ma sar. Insibu okkażjoni biex jiġu mistiedna, sabiex jiġu rikonoxxuti.

Dan qed jiġi suġġerit, sabiex ma jerġax jiġri bħal ma sar din is-sena u jerġa jkollna attivita' fjakka u b'nuqqas ħafna ta' attendenza. Jiġu iffrankati l-inviti li joħorġu, il-ħlas tal-'Caretaker', kif ukoll ir-riċeviment. Jekk isir qbil fuq dan kollu, inkunu qed nilħqu aktar nies li jkunu ħadu xi kors u iċ-ċertifikati ma jibqgħux il-Kunsill minn sena għal oħra.

Rigward il-Kunċert li jsir mill-Baned rispettivi.

Il-Quddiesa tibqa issir, pero' meta nibgħatu email lill-Kappillan biex jiġi infurmat meta ser issir, għandna niktbu ukoll sabiex jgħamel 3 bankijiet riservati, fuq kull naħa.

Taħt il-Pulptu ewwel bank ikun għal Membri Parlamentari u warajhom ikun riservat għaż-żewġ Każini tal-Banda

In-naħa l-oħra ikun riservat, għal Kunsill Lokali.

Rigward il-Kunċert innifsu dak ikun minn naħa taż-żewġ Baned rispettivi.

Leaflet tal-Kunċert jerġa jiġi printjat kif sar din is-sena, pero fuq karta aħjar.

Issir diskussjoni maż-żewġ Każini tal-Banda rigward il-possibilta' li l-Kunċert isir fl-10 ta' Diċembru kull sena, li jinbidel il-post fejn isir u l-possibilta' li jsir bejn iż-żewġ Għaqdiet flimkien.

Bħal ma sar din is-sena nerġgħu nirreklamaw l-attivitajiet fuq it-T.V. u radjijiet.

Jerġa jinħatar Sotto Kumitat sabiex jiddiskuti Unur u Ġieħ il-Kalkara

Kritika fuq Jum il-Kalkara 2015